C/2024/4648

19.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Lulju 2024

li taħtar tliet rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

(C/2024/4648)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra n-nomini ppreżentati lill-Kunsill mill-Polonja, mis-Slovakkja u minn Spanja,

Billi:

(1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, l-istandards xjentifiċi għoljin, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Huwa wkoll indispensabbli li tiġi żgurata l-kooperazzjoni tal-EFSA mal-Istati Membri.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jirrikjedi li kull Stat Membru jinnomina membru u membru supplenti bħala r-rappreżentanti tiegħu għall-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA. Il-membri u l-membri supplenti hekk innominati jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' erba' snin, li jista' jiġġedded, u għandhom id-dritt tal-vot.

(3) Il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 [2], ħatar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2026.

(4) Permezz ta' ittra datata l-4 ta' Diċembru 2023, l-EFSA ġiet infurmata li s-Sa Zuzana NOUZOVSKÁ, il-membru għas-Slovakkja, irriżenjat.

(5) Permezz ta' ittra datata l-11 ta' Marzu 2024, l-EFSA ġiet infurmata li s-Sa Ana RODRÍGUEZ CASTAÑO, il-membru supplenti għal Spanja, irriżenjat.

(6) Permezz ta' ittra datata l-4 ta' Ġunju 2024, l-EFSA ġiet infurmata li s-Sa Katarzyna STOŚ, il-membru għall-Polonja, irriżenjat.

(7) Għalhekk jenħtieġ li jinħatru tliet rappreżentanti ġodda biex iservu għall-bqija tal-mandat tal-predeċessuri rispettivi tagħhom.

(8) Ir-rappreżentanti li ġew innominati mill-Polonja, is-Slovakkja u Spanja għandhom esperjenza u għarfien espert rilevanti u estensivi fil-qasam tal-liġi u l-politika tal-katina alimentari, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju, kif ukoll fl-oqsma ta' kwistjonijiet maniġerjali, amministrattivi, finanzjarji u legali. Għaldaqstant, il-ħatra tagħhom tiżgura l-ogħla standards ta' kompetenza u l-aktar firxa wiesgħa ta' esperjenza rilevanti disponibbli fi ħdan il-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sat-30 ta' Ġunju 2026:

— Is-Sur Janusz CIOK (il-Polonja),

— Is-Sur Martin CHUDÝ (is-Slovakkja).

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' April 2022 li taħtar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (ĠU C 159, 12.4.2022, p. 6).

Artikolu 2

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sat-30 ta' Ġunju 2026:

— Is-Sur Pedro GULLÓN (Spanja).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

NAGY I.